**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' April, 2016

Rikors Nru : 10/16 AL

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet :

Illi l-esponenti A B u C D izzewgu nhar il-hdax (11) ta' Gunju, tas-sena elfejn u hamsa (2005) gewwa l-Knisja tal-Madonna ta' Loreto, Gwardamangia, certifikat taz-zwieg esebit, anness u mmarkat Dok 'A';

Illi effettwaw is-separazzjoni personali bejniethom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Joseph Abela nhar it-tmintax (18) ta' April, tas-sena elfejn u hdax (2011), kuntratt esebit, anness u mmarkat Dok 'B';

Illi kif jirrizulta mill-istess kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat Dok. 'B', ir-regim matrimonjali ta' bejn il-partijiet kien regolat bis-sistema tas-separazzjoni tal-beni;

Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet twieldu zewgt (2) itfal S li twieldet fit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) u J li twieldet nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009), it-tnejn minorenni;

Illi ai termjini ta' klawsola numru hamsa (5) tal-kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat Dok 'B', ebda manteniment ma hu dovut bejn il-partijiet stante li r-Ragel kien irrinunzja irrevokabilment ghad-dritt li jitlob u/jew jottjeni hlas ta' manteniment minghand il-Mara, mentri l-Mara kienet iddekadiet mid-dritt li titlob u/jew totjeni hlas ta' manteniment minghand ir-Ragel;

Illi ai termini ta' klawsola numru sitta (6) tal-kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat Dok 'B' jirrizulta li l-Missier kien irrinunzja irrevokabilment ghad-dritt li jitlob jew jottjeni hlas ta' manteniment minghand l-Omm ghall-ulied minorenni u kif ukoll fir-rigward tal-ispejjez kollha inkluzi dawk straordinarji relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri;

Illi inoltre ma tezisti ebda possibilita ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-Ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Frar, 2016;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla jinforma lill-Qorti li ma jopponix ghat-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' April 2011 u ilhom ghal aktar minn erba' snin de facto separati minn ma xulxin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.